# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Marzu, 2002 .

### Avviz numru : 21/2001G2(PC)

**Francis Caruana Limited .**

**Vs**

**Charles Saliba .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz illi permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u zewg liri Maltin (Lm302) bilanc dovut mill-konvenut fuq prezz ta' accessorji ta' kmamar tal-banju mixtrija mill-konvenut minghand is-socjeta' attrici .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali spedita f'marzu 2001 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas relattiv .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut li ggib id-data ta' l-14 ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed .**

**Innutat illi l-istess konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jattendi ghas-smiegh tal-kawza li kienet giet appuntata ghal-lum .**

**Semghet ukoll lill-avukat Dottor Michael Grech ghas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu kollu dovut, u li l-konvenut ma ghamel l-ebda pagament fil-mori ta' din il-kawza .**

**Il-Qorti ghal hekk tiddecidi l-kawza, u peress illi ma ssib ebda raguni ghaliex ma ghandhiex tilqa' t-talba attrici, billi tilqa' l-istess talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u zewg liri maltin (Lm302), dovuti bhala bilanc minn**

**prezz ta' accessorji ta' kmamar tal-banju mixtrija mill-istess konvenut minghand is-socjeta' attrici .**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' marzu 2001, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali ta' Marzu 2001, sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenut .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S2101G2(PC)
246